**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija*

**2024/0016(CNS)**

29.2.2024

# EMENDI 1 - 71

**Abbozz ta' rapport**
**Maria da Graça Carvalho**
Proposta għal regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/1173 fir-rigward ta' inizjattiva tal-EuroHPC għan-negozji ġodda biex tingħata spinta lit-tmexxija Ewropea f'Intelliġenza Artifiċjali affidabbli

Proposta għal regolament
(COM(2024)0029 – C9-0013/2024 – 2024/0016(CNS))

AM_Com_LegReport

**Emenda 1**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Kunsiderazzjoni 4a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tisħiħ tan-negozji ġodda u tal-innovazzjoni fl-intelliġenza artifiċjali affidabbli,*** |

Or. en

**Emenda 2**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Kunsiderazzjoni 4b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Wara li kkunsidra r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar iż-żieda fl-innovazzjoni, il-kompetittività industrijali u teknoloġika permezz ta' ambjent favorevoli għal negozji ġodda u negozji li qed jespandu,*** |

Or. en

**Emenda 3**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[4] | (2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[4] |

| | |
|---|---|
| fl-2021 sal-lum, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (AI) avvanza immens teknikament, u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna madwar id-dinja. L-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex tappoġġa l-innovazzjoni responsabbli f'AI affidabbli, u fl-istess waqt qed tistabbilixxi lqugħ regolatorju u tiżviluppa governanza effettiva. | fl-2021 sal-lum, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (AI) avvanza immens teknikament, u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna madwar id-dinja. L-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex tappoġġa l-innovazzjoni ***etika u*** responsabbli f'AI affidabbli, u fl-istess waqt qed tistabbilixxi lqugħ regolatorju u tiżviluppa governanza effettiva. |
| ________________ | ________________ |
| [4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj). | [4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj). |

Or. en

**Emenda 4**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[4] fl-2021 sal-lum, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (AI) avvanza immens teknikament, u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna madwar id-dinja. L-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex tappoġġa l-innovazzjoni ***responsabbli*** f'AI affidabbli, u fl-istess waqt qed tistabbilixxi lqugħ regolatorju u tiżviluppa governanza effettiva. | (2) Minn meta ġie adottat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173[4] fl-2021 sal-lum, il-qasam tal-intelliġenza artifiċjali (AI) avvanza immens teknikament, u sar dominju strateġiku u kkontestat ħafna madwar id-dinja. L-Unjoni tinsab fuq quddiem nett fl-isforzi biex tappoġġa l-innovazzjoni f'AI affidabbli, u fl-istess waqt qed tistabbilixxi lqugħ regolatorju u tiżviluppa governanza effettiva. |
| ________________ | ________________ |
| [4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja | [4] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1173 tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-istabbiliment tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja |

| | |
|---|---|
| Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj). | Ewropew u li jħassar ir-Regolament (UE) 2018/1488 (ĠU L 256, 19.7.2021, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1173/oj). |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Dan għandu jkun jew innovazzjoni responsabbli, tkun xi tkun, jew innovazzjoni waqt li jiġu stabbiliti kontrobinarji.*

**Emenda 5**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Billi l-aktar kapaċità b'saħħitha fl-Unjoni ta' supercomputing ta' livell dinji tinsab fil-faċilitajiet tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (l-"Impriża Konġunta"), dawk il-faċilitajiet jenħtieġ li jkunu disponibbli biex l-inizjattiva tal-Kummissjoni tkun tista' titwettaq. Għalhekk jeħtieġ jiddaħħal objettiv ieħor mas-sitt objettivi eżistenti tal-Impriża Konġunta; objettiv li jkopri l-kontribut tas-supercomputers tagħha għall-inizjattiva l-ġdida tal-Unjoni dwar l-AI. | (4) Billi l-aktar kapaċità b'saħħitha fl-Unjoni ta' supercomputing ta' livell dinji tinsab fil-faċilitajiet tal-Impriża Konġunta għall-Computing ta' Prestazzjoni Għolja Ewropew (l-"Impriża Konġunta"), dawk il-faċilitajiet jenħtieġ li jkunu disponibbli biex l-inizjattiva tal-Kummissjoni tkun tista' titwettaq. Għalhekk jeħtieġ jiddaħħal objettiv ieħor mas-sitt objettivi eżistenti tal-Impriża Konġunta, objettiv li jkopri l-kontribut tas-supercomputers tagħha għall-inizjattiva l-ġdida tal-Unjoni dwar l-AI***, u jagħti prijorità lill-ġustizzja, it-trasparenza, l-affidabbiltà, u li jiżgura impatt pożittiv fuq is-soċjetà***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Iż-żieda ta' għan ġdid trid taqdi liċ-ċittadini u l-għanijiet tal-Unjoni.*

**Emenda 6**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers iddedikati għall-AI biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. | (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers iddedikati għall-AI biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa ***biex b'hekk issaħħaħ il-kompetittività tal-UE u l-bażi industrijali fl-AI***. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda ***u negozji li qed jespandu*** tal-AI ***bil-għan li tegħleb restrizzjonijiet ta' spejjeż u nuqqas ta' għarfien espert tar-riżorsi*** u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. |

Or. en

**Emenda 7**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers iddedikati għall-AI biex il- | (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji ***tat-titjib jew*** tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers |

| | |
|---|---|
| magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. | iddedikati għall-AI biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha***b'mod partikolari*** għan-negozji ġodda tal-AI***, intrapriżi żgħar u medji, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja, ċentri ta' riċerka*** u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet***, mudelli u sistemi*** ddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. |

Or. en

**Emenda 8**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers iddedikati għall-AI biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri | (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers iddedikati għall-AI biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa ***affidabbli u etiċi***. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha***, filwaqt li*** |

| | |
|---|---|
| qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. | ***tissalvagwardja l-prinċipji bażiċi tal-aċċess miftuħ, ġustizzja u trasparenza***. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-Unjoni stabbilixxiet kundizzjonalità għall-AI fil-forma ta' affidabbiltà u etika, li trid tiġi riflessa fit-test.*

**Emenda 9**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers ***iddedikati għall-AI*** biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. | (5) Bl-objettiv il-ġdid, l-Impriża Konġunta tkun tista' twettaq attivitajiet fid-dominji tal-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers jew partizzjonijiet ta' supercomputers ***orjentati għall-AI*** biex il-magni jkunu jistgħu jitgħallmu malajr u l-mudelli pedamenti kbar tal-AI kbar jiġu mħarrġa. L-Impriża Konġunta jenħtieġ li tkun tista' toħloq ukoll mod ta' aċċess ġdid għar-riżorsi tal-computing tagħha għan-negozji ġodda tal-AI u għall-komunità xjentifika aktar wiesgħa attiva fl-AI, u tiżviluppa applikazzjonijiet iddedikati tal-AI li jkunu ottimizzati biex jaħdmu fuq is-supercomputers tagħha. B'dawk il-bidliet, l-Impriża Konġunta tkun tista' toffri qawwa komputazzjonali u servizzi mfassla apposta li jħeġġu t-taħriġ u l-iżvilupp u l-adozzjoni tal-AI fuq skala kbira fl-Unjoni, li mhux fattibbli bir-Regolament attwali. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitħalla spazju għal aktar każijiet ta' użu varji, filwaqt li tinżamm l-idea li titpoġġa aktar enfasi fuq l-AI. Għalhekk "Intelliġenza Artifiċjali ddedikata" għandha tiġi sostitwita bi "Intelliġenza Artifiċjali orjentata" b'mod konsistenti fit-test kollu.*

**Emenda 10**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Billi l-użu tas-superkompjuters għall-Intelliġenza Artifiċjali (AI), jeħtieġ użu ogħla tad-data, u ċ-ċentri tad-data attwali qed jilħqu progressivament il-limiti tal-kapaċità tal-ħażna tagħhom minħabba ż-żieda fid-diġitalizzazzjoni u l-adozzjoni ta' teknoloġiji ġodda, huwa essenzjali li s-superkompjuters iddedikati għall-AI jew ikunu jinsabu fil-qrib jew ikunu konnessi permezz ta' networks ta' veloċità għolja ma' ċentru tad-data eżistenti, jew ċentru tad-data ppjanat fil-futur, li ma jkunx mgħobbi żżejjed u li jippossjedi kapaċitajiet ta' ħażna. Barra minn hekk, tali ċentri tad-data għandhom ikunu interkonnessi mal-Ispazji Komuni Ewropej tad-Data biex jiffaċilitaw it-taħriġ ta' mudelli f'oqsma settorjali ewlenin.*** |

Or. en

**Emenda 11**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Il-valutazzjoni tal-impatt*** |

| | |
|---|---|
| | ***ambjentali għandha titwettaq flimkien ma' pjan ta' mitigazzjoni għal konsum għoli ta' enerġija meta tiġi stabbilita l-infrastruttura tas-servizz tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali. Iċ-ċentri tad-data għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija kif deskritti fl-Artikolu 12.*** |

Or. en

**Emenda 12**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5b) Billi l-iskjerament ta' applikazzjonijiet ta' Intelliġenza Artifiċjali jeħtieġ żieda sinifikanti fil-qawwa komputazzjonali, li mbagħad twassal għal konsum akbar ta' enerġija elettrika, huwa imperattiv li kemm superkompjuters ġodda ddedikati għall-AI kif ukoll dawk eżistenti li qed jiġu aġġornati għal skopijiet ta' AI jiżguraw konnessjoni tal-grilja stabbli u sigura u provvista tal-elettriku biex jipprevjenu li dawn is-superkompjuters ma jiġux utilizzati biżżejjed minħabba restrizzjonijiet potenzjali fil-provvista tal-enerġija. L-Impriża Konġunta għandha tissorvelja u tirrapporta regolarment dwar il-konsum tal-enerġija ta' dawn il-faċilitajiet.*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5c) Filwaqt li l-iskjerament u l-avvanz tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) jeħtieġu qawwa komputazzjonali sostanzjali u appoġġ speċjalizzat, il-Fabbriki tal-AI se jipprovdu servizzi komprensivi ta' appoġġ tas-supercomputing lil negozji ġodda tal-AI, kumpaniji żgħar innovattivi, u l-ekosistema usa' ta' riċerka u innovazzjoni. Dawn is-servizzi huma kruċjali biex jiffaċilitaw l-aċċess għas-superkompjuters, billi joffru faċilitajiet ta' programmazzjoni ddedikati u appoġġ algoritmiku għall-iżvilupp, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ta' mudelli u sistemi ta' taħriġ tal-AI. Barra minn hekk, dawn se jgħinu fil-ħolqien ta' każijiet ta' użu ġodda u applikazzjonijiet emerġenti fl-oqsma strateġiċi Ewropej inklużi r-robotika u l-manifattura, materjali u batteriji ġodda, sewqan konness u awtomatizzat, saħħa u kura, bijoteknoloġija, tibdil fil-klima u adattament, dinamika ta' sistema kumplessa, dinjiet virtwali u Tewmin Diġitali, sigurtà ċibernetika, ajruspazju, prattiċi agrikoli, riċerka u innovazzjoni u s-settur pubbliku fost oħrajn.*** |

Or. en

**Emenda 14**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5d) Il-Fabbriki tal-AI huma impenjati li jippromwovu l-innovazzjoni u l-għarfien fit-teknoloġija tal-AI billi jaħdmu fi sħubija mill-qrib ma' negozji ġodda, SMEs, universitajiet, ċentri ta' riċerka, u setturi industrijali ewlenin. Din*** |

***il-kollaborazzjoni għandha l-għan li tattira, iżżomm, u tiżviluppa talent li kapaċi jisfrutta teknoloġiji ġodda, tressaq il-komunità xjentifika eqreb lejn l-AI permezz ta' appoġġ u taħriġ speċjalizzat, u ttejjeb l-aċċess għall-innovazzjonijiet tal-AI. L-appoġġ għall-istabbiliment ta' intrapriżi ġodda u l-iffaċilitar ta' proġetti konġunti ta' innovazzjoni, inkluż l-iżvilupp ta' sistemi tal-AI human-in-the-loop għal applikazzjonijiet responsabbli, li jindirizzaw l-isfidi li jiffaċċjaw in-negozji ġodda tal-AI, ir-riċerka u l-ekosistema tal-innovazzjoni. Dan l-isforz se jippromwovi s-sinerġiji, jinkoraġġixxi l-kollaborazzjoni u l-innovazzjoni, u jrawwem l-iżvilupp ta' ekosistema tal-AI vibranti u sostenibbli, u b'hekk jikkontribwixxi għall-avvanz tas-soċjetà u setturi industrijali varji.***

Or. en

**Emenda 15**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5e (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5e) Billi l-Impriża Konġunta tal-EuroHPC (JU) hija stabbilita biex isservi bħala punt ta' kuntatt uniku fil-livell tal-UE, li tidderieġi negozji ġodda, kumpaniji żgħar, u utenti interessati lejn ċentri ta' servizz speċifiċi bi proċeduri tal-aċċess ġusti u trasparenti, hija għandha rwol ewlieni fl-istabbiliment ta' punt uniku ta' servizz biex jissimplifika l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tiegħu għall-entitajiet tal-hosting. Dan il-punt uniku taż servizz se jirrappreżenta l-prinċipji ta' aċċess faċli u miftuħ, u jiżgura li l-utenti jkunu jistgħu jisfruttaw bis-sħiħ il-potenzjal tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) fis-supercomputing. L-opportunitajiet ipprovduti mill-"Fabbriki tal-AI" se jiġu*** |

***kkomunikati b'mod wiesa' lil negozji ġodda, SMEs, l-ekosistema tal-innovazzjoni u riċerkaturi impenjati fi programmi Ewropej, filwaqt li jenfasizzaw il-benefiċċji numerużi li l-AI tista' toffri fl-applikazzjonijiet tas-supercomputing. Barra minn hekk, il-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni tal-'"Fabbriki tal-AI" se tagħmel is-saħħa tal-kompjuter disponibbli bħala servizz madwar l-Unjoni, essenzjali għas-servizzi ta' appoġġ offruti, u tħaffef aktar l-aċċess għal din l-infrastruttura kritika. Dan se jservi wkoll biex jiġu żviluppati superkompjuters tal-EuroHPC orjentati lejn id-domanda, li jiżguraw li l-infrastruttura tissodisfa l-ħtiġijiet li qed jevolvu tal-utenti u s-setturi madwar l-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 16**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5f (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5f) Billi t-taħriġ tal-mudelli tal-Intelliġenza Artifiċjali (AI) jiddependi ħafna fuq ċipep tal-AI speċjalizzati, li huma prinċipalment iddisinjati u żviluppati barra mill-Unjoni Ewropea, l-indirizzar tad-disinn u l-iżvilupp ta' ġenerazzjoni ġdida ta' mikroproċessuri u aċċeleraturi tal-IA huwa kritiku. Dan l-isforz huwa essenzjali biex jitħaddem bis-sħiħ l-ewwel superkompjuter Ewropew fuq skala posteksa, biex b'hekk titnaqqas id-dipendenza fuq teknoloġiji mhux tal-UE u tissaħħaħ is-sovranità teknoloġika tal-Unjoni. Barra minn hekk, il-promozzjoni ta' inizjattivi bħal RISC-V hija kruċjali fit-trawwim ta' teknoloġiji ta' mikroproċessuri ta' sors miftuħ u innovattivi fi ħdan l-UE. Il-Kummissjoni*** |

***għandha tivvaluta l-akkwist ta' teknoloġija Ewropea fi kriterji ta' għażla meta din it-teknoloġija tiġi żviluppata fl-Ewropa.***

Or. en

**Emenda 17**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5g (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5g) L-implimentazzjoni ta' ftehimiet tat-"Tieni Ħajja" għat-tagħmir tal-IT issir essenzjali meta l-proporzjon ta' "Qawwa Kompjutazzjonali" għal "Enerġija Kkonsmata" jsir wisq sfavorevoli għall-iskop oriġinali tiegħu, li jindika li huwa rakkomandabbli aġġornament għal tagħmir aktar effiċjenti fl-enerġija, jew meta jkun hemm aġġornamenti minħabba titjib teknoloġiku. Ftehimiet biex jiġi implimentat ir-riċiklaġġ fi tmiem iċ-ċiklu tal-ħajja tas-superkompjuters huma meħtieġa wkoll. Tali prattiki mhux biss itejbu l-effiċjenza iżda jikkontribwixxu wkoll għat-tnaqqis tad-dipendenzi Ewropej.*** |

Or. en

**Emenda 18**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, il-punt 3b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3b) "Supercomputer iddedikat għall- | (3b) **(3a)** "Supercomputer iddedikat |

| | |
|---|---|
| Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; | għall-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet***, teknoloġiji u sistemi*** emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; |

Or. en

**Emenda 19**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, il-punt 3b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3b) "Supercomputer ***iddedikat għall-Intelliġenza*** Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; | (3b) "Supercomputer ***orjentat għall-Intelliġenza*** Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitħalla spazju għal aktar każijiet ta' użu varji, filwaqt li tinżamm l-idea li titpoġġa aktar enfasi fuq l-AI. Għalhekk "Intelliġenza Artifiċjali ddedikata" għandha tiġi sostitwita bi "Intelliġenza Artifiċjali orjentata" b'mod konsistenti fit-test kollu.*

**Emenda 20**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, il-punt 3b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3b) "Supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, ***bi skop ġenerali***, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; | (3b) "Supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali ***ċivili***, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; |

Or. en

**Emenda 21**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, il-punt 3b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3b) "Supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, ***bi skop ġenerali***, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; | (3b) "Supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser supercomputer li jkun iddisinjat qabelxejn għat-taħriġ ta' mudelli tal-intelliġenza artifiċjali fuq skala kbira, bi skop ġenerali, u ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-intelliġenza artifiċjali; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-kunċett li għandu jiġi definit, superkompjuter iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali, mhux qed jagħti ħjiel dwar restrizzjonijiet tal-ambitu għall-AI għal skopijiet ġenerali. Superkompjuter dedikat għall-AI jista' jintuża wkoll għal AI speċifika, mingħajr ma jkun magna differenti. L-użu tiegħu, issa huwa regolat mill-Artikolu 16 u jista' jiġi ristrett għal każijiet speċifiċi.*

**Emenda 22**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, punt 3c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali u li tattira u takkumula t-talent biex ***tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu*** tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali***;***; | (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali ***jew superkompjuter tal-EuroHPC aġġornat għall-Intelliġenza Artifiċjali,***, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali u li tattira***, tiżviluppa*** u takkumula t-talent biex ***tassisti u tiggwida lill-utenti fl-użu*** tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali***u tipprovdi s-servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni tagħhom ta' superkompjuters li jużaw l-Intelliġenza Artifiċjali***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bid-definizzjoni proposta mill-KE, is-superkompjuters tal-EuroHPC aġġornati għall-Intelliġenza Artifiċjali mhumiex inklużi. Fattur essenzjali fis-superkompjuters tal-EuroHPC huwa l-assistenza lill-utenti biex jottimizzaw l-użu tas-superkompjuters. Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali jistgħu jkunu wkoll ambjenti li fihom jiġi promoss l-għarfien tas-superkompjuters b'intelliġenza artifiċjali, u l-manutenzjoni tagħhom tiġi ottimizzata.*

**Emenda 23**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, punt 3c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali ***u*** li tattira u takkumula t-talent biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali;; | (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali li tattira u takkumula t-talent ***b'mod miftuħ u attiv*** biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali ***u twieġeb għall-ħtiġijiet u l-għanijiet tal-Unjoni***;; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Ir-rekwiżiti għad-denominazzjoni tal-Fabbrika tal-AI għandhom ikunu komposti minn saff ta' infrastruttura u kundizzjoni xierqa ta' stabbiliment tal-għanijiet. Il-bidla proposta żżid effett multiplikatur billi ddaħħal il-ftuħ u l-proattività. Peress li r-Regolament huwa marbut mal-finanzjament, il-parteċipazzjoni tal-UE trid titwieżen mal-ħtiġijiet u l-għanijiet tal-Unjoni.*

**Emenda 24**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, punt 3c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza | (3c) "Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali" tfisser entità ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta' supercomputer għall-Intelliġenza |

| | |
|---|---|
| Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali ***u*** li tattira u takkumula t-talent biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali;; | Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali u li tattira***,*** takkumula ***u żżomm*** it-talent biex tipprovdi l-kompetenzi***, ħiliet u għarfien*** meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali;; |

Or. en

**Emenda 25**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt a**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 2, punt 3c

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3c) “Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali” tfisser ***entità*** ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta’ servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta’ supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-intelliġenza artifiċjali u li tattira u takkumula t-talent biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali;***;*** | (3c) ***(3b)*** “Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali” tfisser ***ekosistema miftuħa*** ċentralizzata jew distribwita li tipprovdi infrastruttura ta’ servizzi tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali u li tkun magħmula minn supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew partizzjoni ta’ supercomputer għall-Intelliġenza Artifiċjali, ċentru tad-data assoċjat, aċċess apposta, u servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali***,*** u li tattira u takkumula t-talent biex tipprovdi l-kompetenzi meħtieġa fl-użu tas-supercomputers għall-Intelliġenza Artifiċjali; |

Or. en

**Emenda 26**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) tiżviluppa u topera l-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva ***u*** innovattiva ħafna fl-Unjoni; | (h) tiżviluppa u topera l-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva***,*** innovattiva***, affidabbli u etika*** ħafna fl-Unjoni; |

Or. en

**Emenda 27**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) tiżviluppa u topera l-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva u innovattiva ħafna fl-Unjoni; | (h) tiżviluppa u topera l-Fabbriki tal-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-iżvilupp ulterjuri ta' ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali kompetittiva, ***sostenibbli*** u innovattiva ħafna fl-Unjoni; |

Or. en

**Emenda 28**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (h) pilastru tal-Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali għal Intelliġenza Artifiċjali affidabbli u etika, li jkopri l-attivitajiet għall-għoti ta' infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing orjentata lejn l- | (h) pilastru tal-Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali għal Intelliġenza Artifiċjali affidabbli u etika, li jkopri l-attivitajiet għall-għoti ta' infrastruttura ta' servizzi tas-supercomputing orjentata lejn l- |

| | |
|---|---|
| Intelliġenza Artifiċjali li tkun maħsuba biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u l-ħiliet tal-ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali; ***dan għandu jinkludi*** l-attivitajiet ***li ġejjin***: | Intelliġenza Artifiċjali li tkun maħsuba biex tkompli tiżviluppa l-kapaċitajiet tal-innovazzjoni u l-ħiliet tal-ekosistema tal-Intelliġenza Artifiċjali; ***dawk*** l-attivitajiet ***għandhom jindirizzaw fost l-oħrajn***: |

Or. en

**Emenda 29**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (i)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali kolokalizzati ma' ċentri tad-data kbar jew konnessi ma' ċentri tad-data permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna; | (i) l-akkwist u t-tħaddim ta' supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali ***u l-infrastruttura tad-data adegwata tagħha,*** kolokalizzati ma' ċentri tad-data kbar jew konnessi ma' ċentri tad-data permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm proposta parallela għal infrastruttura taċ-ċentru tad-data, biex ittejjeb l-operat tal-fabbriki tal-intelliġenza artifiċjali li nipproponu li tista' tiġi unifikata biex titħaffef il-kostruzzjoni ta' dawn iċ-ċentri tad-data flimkien mas-superkompjuters.*

**Emenda 30**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (i)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) l-akkwist u t-tħaddim ta' | (i) l-akkwist u t-tħaddim ta' |

| | |
|---|---|
| supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali kolokalizzati ma' ċentri tad-data ***kbar*** jew konnessi ma' ċentri tad-data permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna; | supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali kolokalizzati ma' ċentri tad-data jew konnessi ma' ċentri tad-data permezz ta' networks b'veloċità għolja ħafna; |

Or. en

**Emenda 31**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (ii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) l-aġġornament tas-supercomputers eżistenti tal-EuroHPC b'kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali; | (ii) l-aġġornament tas-supercomputers eżistenti tal-EuroHPC b'kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali ***u l-infrastrutturi tad-data korrispondenti tagħha***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Hemm proposta parallela għal infrastruttura taċ-ċentru tad-data, biex ittejjeb l-operat tal-fabbriki tal-intelliġenza artifiċjali li nipproponu li tista' tiġi unifikata biex titħaffef il-kostruzzjoni ta' dawn iċ-ċentri tad-data flimkien mas-superkompjuters.*

**Emenda 32**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (iii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) l-għoti ta' aċċess għal supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali jew għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati bl- | (iii) l-għoti ta' aċċess għal supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali jew għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati |

| | |
|---|---|
| Intelliġenza Artifiċjali, inkluż li l-użu tagħhom jinfetaħ għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, inkluż għan-negozji ġodda ***u*** l-intrapriżi żgħar u medji; | b'***kapaċitajiet*** tal-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż li l-użu tagħhom jinfetaħ għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, inkluż għan-negozji ġodda***,*** l-intrapriżi żgħar u medji***, istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u l-komunità xjentifika usa'***; |

Or. en

**Emenda 33**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (iii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) l-għoti ta' aċċess għal supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali jew għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati bl-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż li l-użu tagħhom jinfetaħ għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, inkluż għan-negozji ġodda u l-intrapriżi żgħar u medji; | (iii) l-għoti ta' aċċess għal supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali jew għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati bl-Intelliġenza Artifiċjali, inkluż li l-użu tagħhom jinfetaħ għal għadd kbir ta' utenti pubbliċi u privati, inkluż għan-negozji ġodda***, negozji li qed jespandu*** u l-intrapriżi żgħar u medji; |

Or. en

**Emenda 34**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4 – paragrafu 1, punt h, sottopunt (iiia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(iiia) L-opportunitajiet offruti mill-Fabbriki tal-AI għandhom jiġu kkomunikati b'mod wiesa' lil negozji ġodda u negozji li qed jespandu u lill-*** |

| | |
|---|---|
| | ***komunitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni;*** |

Or. en

**Emenda 35**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (iv)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, jew is-sewqan konness u awtomatizzat. | (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħall-***manifattura, il-materjali ġodda, il-bijoteknoloġija,*** is-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, ***mobbiltà,*** jew is-sewqan konness u awtomatizzat. |

Or. en

**Emenda 36**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4 – paragrafu 1, punt h, sottopunt (iv)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati | (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati |

| | |
|---|---|
| jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, jew is-sewqan konness u awtomatizzat. | jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali***, li tassisti u tiggwida lill-utenti,*** li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, ***l-enerġija*** jew is-sewqan konness u awtomatizzat. |

Or. en

**Emenda 37**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4 – paragrafu 1, punt h, sottopunt (iv)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ir-robotika, jew is-sewqan konness u awtomatizzat. | (iv) it-tħaddim ta' ċentri ċentralizzati jew distribwiti ta' servizzi tas-supercomputing orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali b'appoġġ għall-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali li tipprovdi appoġġ algoritmiku, appoġġ għall-iżvilupp, it-taħriġ, l-ittestjar, l-evalwazzjoni u l-validazzjoni ulterjuri ta' mudelli u sistemi tat-taħriġ tal-Intelliġenza Artifiċjali, u appoġġ għall-iżvilupp ta' applikazzjonijiet emerġenti tal-Intelliġenza Artifiċjali fuq skala kbira f'oqsma strateġiċi bħas-saħħa u l-kura, it-tibdil fil-klima, ***l-ajruspazju, il-manifattura,*** ir-robotika***, il-bijoteknoloġija***, jew is-sewqan konness u awtomatizzat. |

Or. en

**Emenda 38**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (v)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) it-tħaddim ta’ faċilitajiet tal-programmazzjoni kompatibbli mas-supercomputers, inkluż għall-parallelizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali biex jiġi ottimizzat l-użu tal-kapaċitajiet tas-supercomputing; | (v) it-tħaddim ta’ faċilitajiet tal-programmazzjoni kompatibbli mas-supercomputers, inkluż għall-parallelizzazzjoni tal-applikazzjonijiet tal-Intelliġenza Artifiċjali biex jiġi ottimizzat l-użu tal-kapaċitajiet tas-supercomputing***, u t-tħaddim ta’ servizzi oħra ta’ supercomputing li jippermettu l-Intelliġenza Artifiċjali***; |

Or. en

**Emenda 39**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (vi)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(vi) it-tħaddim ta’ servizzi oħra tas-supercomputing li jippermettu l-Intelliġenza Artifiċjali;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 40**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (vii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu u t-taħriġ tat-talent biex jiġu żviluppati l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; | (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu u t-taħriġ tat-talent***, inklużi studenti, żviluppaturi, riċerkaturi, xjenzati u l-komunità tal-utenti,*** biex jiġu żviluppati l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; |

Or. en

**Emenda 41**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (vii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu ***u*** t-taħriġ tat-talent biex jiġu żviluppati l-kompetenzi ***u*** l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; | (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu***,*** it-taħriġ ***u ż-żamma*** tat-talent***, kif ukoll il-provvista ta' taħriġ imfassal apposta*** biex jiġu żviluppati l-kompetenzi***,*** il-ħiliet ***u l-għarfien*** tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; |

Or. en

**Emenda 42**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (vii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu u t-taħriġ tat-talent biex jiġu żviluppati l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; | (vii) l-attrazzjoni, l-akkumulu u t-taħriġ tat-talent ***permezz ta' opportunatijiet trasparenti u ugwali u proċess miftuħ*** biex jiġu żviluppati l-kompetenzi u l-ħiliet tagħhom fl-użu tas-supercomputers tal-EuroHPC għall-Intelliġenza Artifiċjali; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Sabiex jinkiseb effett multiplikatur, din id-dispożizzjoni ta' ħiliet relatati trid tissaħħaħ.*

**Emenda 43**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (viia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viia) Jenħtieġ li jiġu pprovduti appoġġ u taħriġ għall-utenti speċjalizzati lix-xjenzati u l-esperti tal-UE fil-qasam tal-AI;*** |

Or. en

**Emenda 44**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (viii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (viii) l-interazzjoni mal-Fabbriki l-oħra tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-aċċessibbiltà | (viii) l-interazzjoni mal-Fabbriki l-oħra tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-aċċessibbiltà |

| | |
|---|---|
| tas-servizzi tagħhom madwar l-Ewropa, u l-koperazzjoni maċ-Ċentri ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-EuroHPC, u mal-inizjattivi rilevanti tal-Intelliġenza Artifiċjali tal-Unjoni, bħaċ-ċentri tan-negozji ġodda tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-ekosistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali u tad-data, il-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali, il-pjattaforma ċentrali Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Għarfien Teknoloġiku u l-Komunitajiet tal-Innovazzjoni ***relatati mal-Intelliġenza*** Artifiċjali, l-infrastrutturi Ewropej rilevanti tar-riċerka u inizjattivi relatati oħra. | tas-servizzi tagħhom madwar l-Ewropa***, tingħata attenzjoni kostanti għall-bilanċ ġeografiku u bejn il-ġeneri,*** u l-koperazzjoni maċ-Ċentri ta' Kompetenza u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza tal-EuroHPC, u mal-inizjattivi rilevanti tal-Intelliġenza Artifiċjali tal-Unjoni, bħaċ-ċentri tan-negozji ġodda tal-Intelliġenza Artifiċjali, l-ekosistemi tal-Intelliġenza Artifiċjali u tad-data, il-Faċilitajiet għall-Ittestjar u l-Esperimentazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali, il-pjattaforma ċentrali Ewropea tal-Intelliġenza Artifiċjali, iċ-Ċentri ta' Innovazzjoni Diġitali orjentati lejn l-Intelliġenza Artifiċjali, l-Istitut Ewropew tal-Innovazzjoni u l-Għarfien Teknoloġiku u l-Komunitajiet tal-Innovazzjoni ***relatati mal-Intelliġenza*** Artifiċjali***, l-Impriżi Konġunti u sħubijiet ta' Orizzont Ewropa relatati mal-Intelliġenza Artifiċjali,*** l-infrastrutturi Ewropej rilevanti tar-riċerka u inizjattivi relatati oħra. |

Or. en

**Emenda 45**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (viiia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viiia) Il-manutenzjoni u l-ottimizzazzjoni ta' superkompjuters b'kapaċitajiet ta' intelliġenza artifiċjali, li jiżguraw l-affidabbiltà u l-prestazzjoni tagħhom għal kompiti komputazzjonali avvanzati.*** |

Or. en

**Emenda 46**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 4, paragrafu 1, punt h, sottopunt (viiia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(viiia) it-trawwim ta' riċerka interdixxiplinarja bl-applikazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali.*** |

Or. en

**Emenda 47**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (i)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-qrubija ma' ċentru tad-data stabbilit; | (i) il-qrubija ma' ċentru tad-data stabbilit ***li għandu data ta' ħażna disponibbli, jew konnessjoni miegħu permezz ta' networks ta' veloċità għolja ħafna, jew qrubija ma' ċentru tad-data li huwa mistenni li jinbena fi żmien sena wara l-espressjoni ta' interess, sakemm jiġu ppreżentati pjanijiet u impenji dettaljati juru l-fattibilità u l-iskeda taż-żmien tal-kostruzzjoni***; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*L-inklużjoni ta' "data ta' ħażna disponibbli" bħala rekwiżit tirrikonoxxi l-ħtieġa kritika għal kapaċità ta' ħażna ta' data abbundanti, u tiżgura li ċ-ċentru tad-data jista' jilħaq immedjatament id-domanda tas-superkompjuter mingħajr ma jkun diġà mgħobbi żżejjed. L-emenda tintroduċi wkoll flessibbiltà fil-kriterji, bl-għażla ta' konnessjoni permezz ta' "networks ta' veloċità għolja ħafna", tallinja mal-komunikazzjonijiet tal-KE. Barra minn hekk, din tintroduċi wkoll flessibbiltà għall-kriterji jekk ċentru tad-data huwa mistenni li jinbena fi żmien sena fil-viċin.*

**Emenda 48**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (i)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) il-qrubija ma' ***ċentru tad-data*** stabbilit; | (i) il-qrubija ma' ***ċentru tad-data ppjanat jew*** stabbilit; |

Or. en

**Emenda 49**
**Ville Niinistö**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (ia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-provvista ta' pjan ta' ġestjoni tal-enerġija li jeżamina d-disponibbiltà ta' aċċess adegwat għal enerġija nadifa affordabbli, anke permezz ta' ftehimiet ta' xiri ta' enerġija rinnovabbli, u strateġija biex tiżdied l-effiċjenza fl-użu tal-enerġetija tal-installazzjonijiet;*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-konsum tal-enerġija tas-superkompjuters jista' jkollu impatt fuq il-grilja fiż-żona fejn jinsabu, b'mod partikolari meta jitħarreġ l-AI, għalhekk huwa essenzjali li dan jiġi vvalutat u jittieħdu miżuri biex jitnaqqas il-konsum.*

**Emenda 50**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (ia) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) il-viżjoni u l-pjanijiet tal-entità tal-hosting fir-rigward tal-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà ambjentali tas-superkompjuter dedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali, anke permezz tal-użu tal-elettriku li jiġi ġġenerat lokalment;*** |

Or. en

**Emenda 51**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová, Morten Løkkegaard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (ii)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) il-viżjoni, il-pjanijiet u l-kapaċità tal-entità tal-hosting li tindirizza l-isfidi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u r-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-komunità tal-utenti tal-Intelliġenza Artifiċjali u tipprovdi servizz ċentralizzat jew distribwit ta' supercomputing orjentat lejn l-Intelliġenza Artifiċjali; | (ii) il-viżjoni, il-pjanijiet u l-kapaċità tal-entità tal-hosting li tindirizza l-isfidi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u r-riċerka u l-innovazzjoni tal-Intelliġenza Artifiċjali u l-komunità tal-utenti tal-Intelliġenza Artifiċjali ***li ttejjeb din l-ekosistema billi tippromwovi s-sinerġiji u l-innovazzjoni;*** u tipprovdi servizz ċentralizzat jew distribwit ta' supercomputing orjentat lejn l-Intelliġenza Artifiċjali; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-pjanijiet għandhom iqisu wkoll il-ħolqien ta' sinerġiji u l-promozzjoni tal-innovazzjoni fi*

*ħdan l-ekosistemi teknoloġiċi li se jinħolqu madwar dawn is-superkompjuters*

**Emenda 52**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (v)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkumulu tat-talent; | (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkumulu tat-talent ***u għall-ħolqien ta' ħiliet, kapaċitajiet u kompetenzi biex jintużaw is-superkompjuters;***; |

Or. en

**Emenda 53**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (v)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkumulu tat-talent; | (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkumulu tat-talent ***u biex tattira u żżomm it-talent fil-qasam***; |

Or. en

**Emenda 54**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho, Lina Gálvez Muñoz**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (v)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-akkumulu tat-talent; | (v) il-kapaċitajiet eżistenti u l-pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex tikkontribwixxi għall-iżvilupp***, it-taħriġ u ż-żamma*** tal-akkumulu tat-talent; |

Or. en

**Emenda 55**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (va) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(va) Kapaċitajiet eżistenti u pjanijiet futuri tal-entità tal-hosting biex jindirizzaw l-effiċjenza enerġetika u s-sostenibbiltà ambjentali tas-superkompjuter, bl-użu minn approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superkompjuters orjentati lejn l-AI għandhom konsum għoli ta' enerġija u għalhekk jista' jkollhom impronta tal-karbonju akbar. Dan ir-Regolament għandu jirrikonoxxi l-impronta dejjem tikber tal-karbonju tal-AI u jieħu miżuri biex inaqqas l-impatt fuq il-klima u l-ambjent, billi jżid kriterju ieħor tal-għażla għall-entitajiet tal-hosting mal-Artikolu 9(5). L-approċċ taċ-ċiklu tal-ħajja huwa konformi mal-ambizzjonijiet tal-Programm Strateġiku Pluriennali tal-EuroHPC 2021-2027 (verżjoni 2023).*

**Emenda 56**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (va) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(va) l-eżistenza ta' viżjoni strateġika fit-tul fl-AI, inklużi investimenti f'teknoloġiji futuri;*** |

Or. en

**Emenda 57**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (vb) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(vb) kontribuzzjoni għall-ekosistema ta' innovazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni, inkluż fil-forma ta' appoġġ għal negozji ġodda permezz ta' programmi ta' inkubatur jew aċċeleratur;*** |

Or. en

**Emenda 58**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt g, sottopunt (vc) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(vc) il-piż amministrattiv fil-pajjiż ospitanti;*** |

Or. en

**Emenda 59**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 5, punt (ga) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) Entità tal-hosting eżistenti magħżula mill-Bord tat-Tmexxija wara sejħa għal espressjonijiet ta' interess għandha tissodisfa permezz ta' proċess ġust u trasparenti l-kriterji msemmija fil-punt g tal-Artikolu 9(5) biex issir Fabbrika tal-Intelliġenza Artifiċjali.*** |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Din l-emenda tipprova tistandardizza l-kriterji tal-għażla għat-titjib ta' superkompjuter biex ikollu kapaċità ta' intelliġenza artifiċjali.*

**Emenda 60**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu (6a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. | (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha ***u biex tappoġġja l-iżvilupp tal-ħiliet u l-kompetenzi tagħhom***. |

Or. en

**Emenda 61**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9 – paragrafu 6a

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. | (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u ***negozji li qed jespandu u*** utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. |

Or. en

**Emenda 62**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová, Morten Løkkegaard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9 – paragrafu (6a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6a) Għas-supercomputers ***iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali*** msemmija fl-***Artikolu 12a***, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. | (6a) Għas-supercomputers ***tal-EuroHPC*** msemmija fl-***Artikoli 11, 12, 12a, 14, 15***, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda***, kumpaniji żgħar*** u utenti oħra biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Is-superkompjuters tal-EuroHPC, (iddedikati, aġġornati u oħrajn), għandu jkollhom ukoll punt uniku tas-servizz biex itejbu l-aċċess.*

**Emenda 63**
**Robert Roos**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9, paragrafu 6(a)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u ***utenti oħra*** biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. | (6a) Għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali msemmija fl-Artikolu 12a, l-entità tal-hosting għandha toħloq punt uniku tas-servizz għan-negozji ġodda u ***SMEs*** biex tiffaċilita l-aċċess għas-servizzi ta' appoġġ tagħha. |

Or. en

**Emenda 64**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 9 – paragrafu (6aa) ġdid

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6aa) Meta tiġi stabbilita l-infrastruttura tas-servizz tas-supercomputing tal-Intelliġenza Artifiċjali għandha titwettaq valutazzjoni tal-impatt ambjentali u għandu jiġi żviluppat pjan ta' mitigazzjoni għal konsum għoli tal-enerġija. Iċ-ċentri tad-data għandhom jirrispettaw bis-sħiħ ir-rekwiżiti tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija kif deskritti fl-Artikolu 12.*** |

Or. en

**Emenda 65**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová, Morten**

**Løkkegaard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 10 – paragrafu 2, punt (1)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (l) il-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli meta l-entità tal-hosting topera supercomputer tal-EuroHPC għall-użu industrijali, jew ***supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza*** Artifiċjali.; | (l) il-kundizzjonijiet speċifiċi applikabbli meta l-entità tal-hosting topera supercomputer tal-EuroHPC għall-użu industrijali, jew ***għal skopijiet tal-Intelliġenza*** Artifiċjali; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Il-frażi oriġinali ma tqisx is-superkompjuters li qed jiġu aġġornati biex ikollhom kapaċitajiet ta’ intelliġenza artifiċjali.*

**Emenda 66**
**Henna Virkkunen**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 12a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Impriża Konġunta tista’ tkun l-ewwel utent tas-supercomputers ***iddedikati għall-Intelliġenza*** Artifiċjali li jintegraw teknoloġiji żviluppati ***primarjament*** fl-Unjoni. | 4. L-Impriża Konġunta tista’ tkun l-ewwel utent tas-supercomputers ***orjentati għall-Intelliġenza*** Artifiċjali li jintegraw teknoloġiji ***ewlenin*** żviluppati ***preferibbilment*** fl-Unjoni. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Huwa importanti li jitħalla spazju għal aktar każijiet ta’ użu varji, filwaqt li tinżamm l-idea li titpoġġa aktar enfasi fuq l-AI. Għalhekk “Intelliġenza Artifiċjali ddedikata” għandha tiġi sostitwita bi “Intelliġenza Artifiċjali orjentata” b’mod konsistenti fit-test kollu. “Ewlenin” u “preferibbilment” għadhom jirriflettu l-ambizzjoni biex jiżdiedu l-użu u l-adozzjoni tat-teknoloġija Ewropea fis-sistemi tal-EuroHPC, iżda ma jikkompromettux l-għan. li jiġu*

*pprovduti l-aħjar vantaġġ u kundizzjonijiet possibbli għas-supercomputing fl-Ewropa.*

**Emenda 67**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 12a – paragrafu 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 7. Mingħajr preġudizzju għall-istralċ tal-Impriża Konġunta, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-Istatuti, mhux qabel ***erba'*** snin wara t-test ta' aċċettazzjoni b'suċċess mis-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali installat f'entità tal-hosting, is-sjieda tas-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali tista' tiġi trasferita lil dik l-entità tal-hosting, tinbiegħ lil entità oħra jew tiġi dekummissjonata wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija u f'konformità mal-ftehim tal-hosting. Fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda ta' supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali, l-entità tal-hosting għandha tirrimborża lill-Impriża Konġunta l-valur residwu tas-supercomputer trasferit. Jekk ma jsir l-ebda trasferiment tas-sjieda lill-entità tal-hosting iżda tittieħed deċiżjoni għad-dekummissjonar, il-kostijiet rilevanti għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-Impriża Konġunta u l-entità tal-hosting. L-Impriża Konġunta ma għandhiex tkun responsabbli għall-kostijiet imġarrba wara t-trasferiment tas-sjieda tas-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew wara l-bejgħ jew id-dekummissjonar tiegħu. | 7. Mingħajr preġudizzju għall-istralċ tal-Impriża Konġunta, kif imsemmi fl-Artikolu 23(4) tal-Istatuti, mhux qabel ***ħames*** snin wara t-test ta' aċċettazzjoni b'suċċess mis-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali installat f'entità tal-hosting, is-sjieda tas-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali tista' tiġi trasferita lil dik l-entità tal-hosting, tinbiegħ lil entità oħra jew tiġi dekummissjonata wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija u f'konformità mal-ftehim tal-hosting. Fil-każ ta' trasferiment tas-sjieda ta' supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali, l-entità tal-hosting għandha tirrimborża lill-Impriża Konġunta l-valur residwu tas-supercomputer trasferit. Jekk ma jsir l-ebda trasferiment tas-sjieda lill-entità tal-hosting iżda tittieħed deċiżjoni għad-dekummissjonar, il-kostijiet rilevanti għandhom jinqasmu b'mod ugwali bejn l-Impriża Konġunta u l-entità tal-hosting. L-Impriża Konġunta ma għandhiex tkun responsabbli għall-kostijiet imġarrba wara t-trasferiment tas-sjieda tas-supercomputer iddedikat għall-Intelliġenza Artifiċjali jew wara l-bejgħ jew id-dekummissjonar tiegħu. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Għandu jkun konformi mal-2021/1173.*

**Emenda 68**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt b**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 15 – paragrafu 5

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet tal-akkwist tal-aġġornament għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC, deprezzat għall-bqija tal-ħajja mistennija tas-supercomputer oriġinali. Il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet operattivi ***addizzjonali*** tal-aġġornament għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC.”; | 5. Il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-kostijiet tal-akkwist tal-aġġornament għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC, deprezzat għall-bqija tal-ħajja mistennija tas-supercomputer oriġinali. Il-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ***għad-differenza fil-***kostijiet operattivi tal-aġġornament***, kemm jekk żdiedu u kemm jekk naqsu,*** għandu jkun l-istess bħall-persentaġġ tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għas-supercomputer oriġinali tal-EuroHPC.”; |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Fil-każ li l-aġġornament iġib miegħu spejjeż operattivi aktar baxxi, dan għandu jiġi rifless.*

**Emenda 69**
**Maria da Graça Carvalho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 16, paragrafu 2b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet ***speċjali*** tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati | 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet ***speċifiċi*** tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati |

| | |
|---|---|
| għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. ***Dan għandu jinkludi*** aċċess iddedikat għan-negozji ġodda. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet affidabbli u etiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali li jkun konformi mal-valuri tal-UE. | għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. ***Il-Bord tat-Tmexxija jista' jiddefinixxi kundizzjonijiet speċifiċi ta' aċċess għal tipi differenti ta' utenti jew applikazzjonijiet, inkluż*** aċċess iddedikat għal negozji ġodda ***u intrapriżi żgħar u medji. Is-sigurtà u l-kwalità tas-servizz għandhom ikunu l-istess għall-utenti kollha f'kull kategorija ta' utenti***. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet affidabbli u etiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali li jkun konformi mar-***regoli u*** l-valuri tal-UE. |

Or. en

**Emenda 70**
**Susana Solís Pérez, Izaskun Bilbao Barandica, Ivars Ijabs, Martina Dlabajová, Morten Løkkegaard**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 16, paragrafu 2b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet ***speċjali*** tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. Dan għandu jinkludi aċċess iddedikat għan-negozji ġodda. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet affidabbli ***u etiċi*** tal- | 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi l-kundizzjonijiet ***ġenerali*** tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. Dan għandu jinkludi aċċess iddedikat għan-negozji ġodda ***u kumpaniji żgħar***. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet |

| | |
|---|---|
| Intelliġenza Artifiċjali ***li jkun konformi mal-valuri tal-UE***. | affidabbli tal-Intelliġenza Artifiċjali ***li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa, is-sikurezza, id-drittijiet fundamentali minquxa fl-Artikolu 2 tat-Trattat ta' Liżbona u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE***. |

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*Bidliet għall-aċċess ġenerali se jallinjaw mar-regolamenti preċedenti tal-HPC u jinkludu dispożizzjonijiet għan-negozji ż-żgħar f'aċċessi ddedikati għall-użu tal-intelliġenza artifiċjali. Il-Valuri tal-Unjoni u l-etika huma kunċetti ġenerali, u għandna t-tendenza li niċċaraw dak li qed nitkellmu dwaru.*

**Emenda 71**
**Ivo Hristov, Tsvetelina Penkova, Carlos Zorrinho**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b**
Ir-Regolament (UE) 2021/1173
Artikolu 16, paragrafu 2b

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet speċjali tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. Dan għandu jinkludi aċċess iddedikat għan-negozji ġodda. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet affidabbli u etiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali li jkun konformi mal-valuri tal-UE. | 2b. Il-Bord tat-Tmexxija għandu jiddefinixxi kundizzjonijiet speċjali tal-aċċess għas-supercomputers iddedikati għall-Intelliġenza Artifiċjali u għas-supercomputers tal-EuroHPC aġġornati għall-kapaċitajiet tal-Intelliġenza Artifiċjali f'konformità mal-Artikolu 17, filwaqt li jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-ekosistema tan-negozji ġodda u tar-riċerka fl-Intelliġenza Artifiċjali. Dan għandu jinkludi aċċess iddedikat għan-negozji ġodda ***u negozji li qed jespandu***. Għall-aċċess għandhom ikunu eliġibbli biss il-proposti għall-iżvilupp ta' mudelli, sistemi u applikazzjonijiet affidabbli u etiċi tal-Intelliġenza Artifiċjali li jkun konformi mal-valuri tal-UE. |

Or. en